# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

29 ta' Lulju 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva 2012/29/UE – Standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità – Artikoli 16 u 18 – Smigħ tal-vittma minn qorti kriminali tal-ewwel istanza – Bidla fil-kompożizzjoni tal-Kulleġġ Ġudikanti – Repetizzjoni tas-smigħ tal-vittma fuq talba ta' waħda mill-partijiet fil-proċeduri – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 47 u 48 – Dritt għal smigħ xieraq u drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta' immedjatezza – Portata – Dritt tal-vittma għal protezzjoni matul il-proċeduri kriminali"

Fil-Kawża C-38/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale di Bari (il-Qorti ta' Bari, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Ottubru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Jannar 2018, fil-proċeduri kriminali kontra

**Massimo Gambino,**

**Shpetim Hyka,**

fil-preżenza ta':

**Procura della Repubblica presso il Tribunale di Bari,**

**Ernesto Lappostato,**

**Banca Carige SpA – Cassa di Risparmio di Genova e Imperia,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, C. Toader, A. Rosas, L. Bay Larsen u M. Safjan (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. G. Marrone u D. Di Giorgio, avvocati dello Stato,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

– għall-Gvern Ċek, minn A. Kasalická, J. Vláčil u M. Smolek, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, inizjalment minn T. Henze, M. Hellmann u E. Lankenau, sussegwentement minn M. Hellmann u E. Lankenau, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn M. K. Bulterman u M. A. M. De Ree, bħala aġenti,

– għall-Gvern Awstrijak, minn G. Hesse, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Cattabriga u S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2019,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 16, 18 u 20(b) tad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU 2012, L 315, p. 57).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra Massimo Gambino u Shpetim Hyka minħabba reati ta' ħasil ta' flus u ta' frodi.

**Il-kuntest ġuridiku**

***Id-dritt tal-Unjoni***

3 Skont il-premessi 11, 12, 20, 58 u 66 tad-Direttiva 2012/29:

"(11) Din id-Direttiva tistipula regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva bil-għan li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni.

(12) Id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-awtur ta' ksur. L-użu tat-terminu 'awtur ta' ksur' jirreferi għalpersuna li tkun ġiet misjuba ħatja ta' reat. Madanakollu, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, huwa jirreferi wkoll għal persuna suspettata jew akkużata qabel kwalunkwe rikonoxximent ta' ħtija jew kundanna, u huwa mingħajr preġudizzju għall-preżunzjoni ta' innoċenza.

[…]

(20) Ir-rwol tal-vittmi fis-sistema tal-ġustizzja kriminali u l-possibbiltà li huma jieħdu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali jvarja minn Stat Membru għall-ieħor, skont is-sistema nazzjonali, u jiġu ddeterminati minn wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:jekk is-sistema nazzjonali tipprevedix status legali bħala parti għall-proċedimenti kriminali; jekk il-vittma tkunx taħt rekwiżit legali jew tkun mitluba tieħu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali, per eżempju bħala xhieda; u/jewjekk il-vittma tkunx legalment intitolata skont il-liġi nazzjonali li tieħu sehem attiv fil-proċedimenti kriminali u tkun qed tfittex li tagħmel dan, fejn is-sistema nazzjonali ma tipprevedix li l-vittmi jkollhom status legali bħala parti għall-proċedimenti kriminali. L-Istati

Membri għandhom jiddeterminaw liema minn dawk il-kriterji japplikaw biex jiġi ddeterminat l-ambitu tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva, fejn ikun hemm referenzi għar-rwol tal-vittma fis-sistema tal-ġustizzja kriminali rilevanti.

[…]

(58) Vittmi li ġew identifikati bħala vulnerabbli għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni għandhom jingħataw il-miżuri adatti biex jipproteġuhom matul il-proċedimenti kriminali. In-natura eżatta ta' tali miżuri għandha tiġi determinata permezz tal-valutazzjoni individwali, b'kont meħud tax-xewqa tal-vittma. Sa fejn kwalunkwe tali miżura għandha tiġi determinata mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u f'konformità mar-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja. It-tħassib u l-biża' tal-vittmi b'rabta mal-proċedimenti għandhom ikunu fattur ewlieni fid-determinazzjoni ta' jekk ikunux jeħtieġu xi mizura partikolari.

[…]

(66) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, tfittex li tippromwovi d-dritt għad-dinjità, għall-ħajja, għall-integrità fiżika u mentali, il-libertà u s-sigurtà, ir-rispett tal-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, id-dritt għall-proprjetà, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, id-drittijiet tat-tfal, tal-anzjani u tal-persuni b'diżabilità, u d-dritt għal smigħ xieraq."

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Objettivi", jipprovdi fil-paragrafu (1) tiegħu:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura li vittmi tal-kriminalità, jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u li jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċedimenti kriminali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi huma rikonoxxuti u trattati b'rispett, b'mod sensittiv, speċifikament indirizzat,professjonali u mhux diskriminatorju, fil-kuntatti kollha b'appoġġ għall-vittmi jew bis-servizzi ta' ġustizzja restorattiva jew awtorità kompetenti, li topera fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-vittmi b'mod mhux diskriminatorju, inkluż fir-rigward tal-istatus ta' residenza tagħhom."

5 L-Artikolu 10 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu "Id-dritt li wieħed jinstema'", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jistgħu jinstemgħu waqt il-proċedimenti kriminali u jkunu jistgħu jipprovdu xhieda. Fejn il-vittma li tkun għadha tfal tkun ser tinstema', għandha titqies l-età u l-maturità tagħha.

2. Ir-regoli proċedurali li taħthom il-vittmi jistgħu jinstemgħu waqt il-proċedimenti kriminali u jistgħu jipprovdu xhieda għandhom ikunu determinati mil-liġi nazzjonali."

6 L-Artikolu 16 tal-istess direttiva, bit-titolu "Dritt għal deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur ta' ksur matul il-proċedimenti kriminali", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, matul il-proċedimenti kriminali, il-vittmi jkunu intitolati li jiksbu deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur ta' ksur, fi żmien raġonevoli, ħlief fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li tali deċiżjoni ssir fi proċedimenti legali oħrajn..

2. L-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri biex iħeġġu lill-awturi ta' ksur jipprovdu kumpens adegwat lill-vittmi."

7 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2012/29, bit-titolu "Dritt għal protezzjoni", huwa fformulat kif ġej:

"Bla preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm miżuri disponibbli għall-protezzjoni tal-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom minn vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, minn intimidazzjoni u minn ritaljazzjoni, inkluż kontra r-riskju ta' ħsara emozzjonali jew psikoloġika, u għall-protezzjoni tad-dinjità tal-vittmi waqt l-interrogazzjoni u meta jagħtu x-xhieda tagħhom. Meta meħtieġ, tali miżuri għandhom jikludu wkoll proċeduri stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali għall-protezzjoni fiżika tal-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom."

8 L-Artikolu 20 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Dritt għall-protezzjoni tal-vittmi waqt l-investigazzjonijiet kriminali", jipprovdi:

"Bla preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u f'konformità mar-regoli ta' diskrezzjoni ġudizzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt investigazzjonijiet kriminali:

[...]

(b) l-għadd ta' intervisti mal-vittmi jkun limitat kemm jista' jkun u l-intervisti jsiru biss fejn strettament meħtieġ għall-iskopijiet tal-investigazzjonijiet kriminali;

[...]"

9 L-Artikolu 22 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu "Valutazzjoni individwali tal-vittmi biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ssirilhom valutazzjoni individwali u f'waqtha, skont il-proċeduri nazzjonali, biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni u biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt jibbenefikaw minn miżuri speċjali matul il-proċedimenti kriminali, kif previst fl-Artikoli 23 u 24, minħabba li jkunu partikolarment vulnerabbli għal vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni.

2. Il-valutazzjoni għandha tieħu kont partikolarment ta':

(a) il-karatteristiċi personali tal-vittma;

(b) it-tip jew in-natura tal-att kriminali; u

(c) iċ-ċirkostanzi tal-att kriminali.

3. Fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil vittmi li jkunu ġarrbu ħsara konsiderevoli minħabba s-severità u tal-att kriminali; vittmi li jkunu ġarrbu att kriminali mwettaq bi preġudizzju jew raġuni diskriminatorja, li jista', b'mod partikolari, jkun marbuta mal-karatteristiċi personali tagħhom; vittmi li r-relazzjoni tagħhom ma' u d-dipendenza tagħhom fuq l-awtur ta' reat tagħmilhom partikolarment vulnerabbli. F'dan ir-rigward, vittmi ta' terroriżmu, kriminalità organizzata, traffikar tal-bnedmin, vjolenza abbażi tas-sessi, vjolenza f'relazzjonit mill-qrib, vjolenza sesswali, sfruttament jewreati ta' mibegħda, u vittmi b'diżabbiltàgħadhom jitqiesu kif dovut.

4. Għall-fini ta' din id-Direttiva, vittmi tfal għandhom jitqiesu li għandhom ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni. Biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt huma jibbenefikaw minn miżuri speċjali kif previsti skont l-Artikoli 22[23] u 24, il-vittmi tfal għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni individwali kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. L-ambitu tal-valutazzjoni individwali jista' jiġi adattat skont il-gravità tal-att kriminali u l-livell ta' ħsara viżibbli li tkun ġarrbet il-vittma.

6. Tali valutazzjoni individwali għandha ssir b'involviment mill-qrib tal-vittmi u għandha tieħu kont tax-xewqat tagħhom inkluż fejn ma jkunux jixtiequ jibbenefikaw minn miżuri speċjali prevsiti fl-Artikoli 22[23] u 24.

7. Jekk l-elementi li jiffurmaw il-bażi tal-valutazzjoni individwali ikunu nbidlu b'mod sinifikanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din tkun aġġornata matul il-proċedimenti kriminali."

10 L-Artikolu 23 tal-istess direttiva, bit-titolu "Dritt għall-protezzjoni ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni waqt il-proċedimenti kriminali", jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u skont ir-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni li jibbenefikaw minn miżuri speċjali identifikati bħala riżultat ta' valutazzjoni individwali prevista fl-Artikolu 22(1) jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri previsti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Miżura speċjali prevista wara l-valutazzjoni individwali mżgħandiex titpoġġa għad-dispożizzjoni jekk restrizzjonijiet operazzjonali jew prattiċi jagħmlu dan impossibbli, jew fejn ikun hemm ħtieġa urġenti li tiġi interrogata l-vittma u jekk dan ma jsirx tkun tista' ssir ħsara lill-vittma jew persuna oħra jew tista' tippreġudika l-kors tal-proċedimenti.

2. Il-miżuri li ġejjin għandhom ikunu disponibbli matul l-investigazzjonijiet kriminali għal vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni identifikati skont l-Artikolu 22(1):

(a) interrogazzjonijiet mal-vittma jiġu mwettqa f'binjiet imfasslin jew addattati għal dak l-iskop;

(b) interrogazzjonijiet mal-vittma jiġu mwettqa minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dak il-għan;

(c) l-intervisti kollha tal-vittma jitwettqu mill-istess persuni sakemm dan ma jmurx kontra l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja;

(d) l-intervisti kollha mal-vittmi ta' vjolenza sesswali, vjolenza abbażi tas-sessi jew vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, sakemm ma jsirux minn prosekutur jew imħallef, isiru minn persuna tal-istess sess bħall-vittma, jekk il-vittma tkun tixtieq hekk, sakemm il-kors tal-proċedimenti kriminali ma jiġix ippreġudikat.

3. Il-miżuri li ġejjin għandhom ikunu disponibbli għal vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni identifikati skont l-Artikolu 22(1) matul il-proċediment tal-qorti:

(a) miżuri biex jiġi evitat kuntatt viżwali bejn il-vittmi u l-awturi ta' ksur matul l-għoti ta' xhieda, b'mezzi adatti inkluż l-użu tat-teknoloġija ta' komunikazzjoni;

(b) miżuri biex jiġi żgurat li l-vittma tkun tista' tixhed fl-awla tal-qorti mingħajr ma tkun preżenti, partikolarment bl-użu ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni xierqa;

(c) miżuri biex jiġu evitati mistoqsijiet mhux meħtieġa dwar il-ħajja privata tal-vittma mhux marbuta mar-reat kriminali; u

(d) miżuri li jippermettu li jsir smigħ mingħajr il-preżenza tal-pubbliku."

***Id-dritt Taljan***

11 L-Artikolu 511 tal-codice di procedura penale (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali), bit-titolu "Qari awtorizzat", jipprovdi, fil-paragrafi (1) u (2) tiegħu:

"1. Il-qorti għandha tiddeċiedi, jekk ikun il-każ *ex officio*, li l-atti tal-proċess għandhom jinqraw, kompletament jew parzjalment, għall-finijiet tad-diskussjoni.

2. Il-qari tal-proċessi verbal tal-għoti tax-xhieda għandu jiġi deċiż biss wara s-smigħ tax-xhud, ħlief fl-assenza ta' smigħ."

12 L-Artikolu 525 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, bit-titolu "Immedjatezza tad-deċiżjoni", jipprevedi, fil-paragrafi (1) u (2) tiegħu:

"1. Is-sentenza għandha tingħata immedjatament wara l-għeluq tad-diskussjoni.

2. Taħt piena ta' nullità assoluta, l-Imħallfin li jagħtu s-sentenza għandhom ikunu dawk li pparteċipaw għad-diskussjoni. Jekk Imħallfin sostitwenti jissejħu sabiex jikkompletaw il-Kulleġġ Ġudikanti, b'sostituzzjoni għall-Imħallfin impediti, id-deċiżjonijiet diġà mogħtija u mhux espressament irrevokati għandhom iżommu l-effettività tagħhom."

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

13 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li M. Gambino u S. Hyka huma akkużati quddiem it-Tribunale di Bari (il-Qorti ta' Bari, l-Italja) b'reati ta' ħasil ta' flus u ta' frodi, hekk kif previsti mill-Kodiċi Kriminali Taljan.

14 Minn din id-deċiżjoni jirriżulta wkoll li, skont id-deskrizzjoni tal-fatti tal-akkuża, il-vittmi ta' din il-frodi allegata huma Ernesto Lappostato u Gianluca Menini. E. Lappostato deher *parte civile* u talab li M. Gambino jiġi kkundannat jikkumpensah għad-danni subiti minħabba l-aġir kriminali tiegħu.

15 Waqt seduta li nżammet fl-14 ta' April 2015, E. Lappostato u G. Menini nstemgħu fil-kwalità ta' xhieda mill-Kulleġġ Ġudikanti tat-Tribunale di Bari (il-Qorti ta' Bari), komposta minn tliet Imħallfin.

16 Fil-21 ta' Frar 2017, inżammet seduta ġdida quddiem l-istess Kulleġġ Ġudikanti, iżda madankollu l-kompożizzjoni tagħha nbidlet wara l-assenjazzjoni, lil qorti oħra, ta' wieħed mit-tliet Imħallfin li kienu pparteċipaw fis-seduta tal-14 ta' April 2015.

17 Waqt din is-seduta tal-21 ta' Frar 2017, id-difensur ta' M. Gambino talab, abbażi tal-Artikoli 511 u 525 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, ir-repetizzjoni tas-smigħ kollu tax-xhieda mwettaq sa din id-data, b'mod partikolari dak tal-vittmi tal-frodi allegata. Huwa ressaq mill-ġdid din it-talba matul seduta li nżammet fl-10 ta' Ottubru 2017.

18 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-Artikolu 525 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jistabbilixxi l-prinċipju ta' immedjatezza, li jikkonsisti mhux biss f'li jiġi ggarantit li s-sentenza tingħata immedjatament wara l-għeluq tad-diskussjonijiet, iżda wkoll li l-Imħallfin li jagħtu s-sentenza jkunu l-istess bħal dawk li assistew għad-diskussjonijiet. Dan l-aħħar rekwiżit huwa bbażat fuq l-idea li l-Imħallfin li jiddeċiedu dwar ir-responsabbiltà kriminali tal-persuna akkużata għandhom ikunu l-istess bħal dawk li assistew għall-produzzjoni tal-provi.

19 Din il-qorti tindika li hija għandha dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, hekk kif interpretata mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), li tipprovdi li, fil-każ ta' repetizzjoni tad-diskussjoni minħabba bidla fil-kompożizzjoni ta'

Kulleġġ Ġudikanti kolleġġjali jew ta' Imħallef uniku, is-sentenza ma tistax tkun ibbażata fuq ix-xhieda miġbura mill-Kulleġġ Ġudikanti inizjali, fuq il-bażi tal-qari biss tal-proċess verbal, mingħajr ma jinstema' mill-ġdid ix-xhud, jekk smigħ ġdid ikun għadu possibbli u dan ikun intalab minn waħda mill-partijiet.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, meta tiġi deċiża r-repetizzjoni tad-diskussjoni wara bidla fil-kompożizzjoni tal-Kulleġġ Ġudikanti u l-qorti taċċetta l-prova permezz ta' għoti ta' xhieda mitlub mill-ġdid, il-qari tal-proċessi verbal tax-xhieda diġà mogħtija jkun possibbli biss, fuq il-bażi tal-Artikolu 511 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, bil-kunsens tal-partijiet kollha fil-proċeduri.

21 Skont il-qorti tar-rinviju, tali interpretazzjoni tagħti lok għal abbużi min-naħa tad-difiża, peress li fil-fatt din tista' tirrifjuta li l-Imħallfin jipproċedu għall-qari tal-proċess verbal ta' xhieda diġà mogħtija u, għaldaqstant, timponi smigħ ġdid tal-vittma.

22 Għalhekk, l-Artikolu 511(2) u l-Artikolu 525(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, hekk kif interpretati mill-ġurisprudenza nazzjonali, ma humiex konformi mad-Direttiva 2012/29, li timponi lill-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni li tiżgura l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità fil-proċeduri kriminali.

23 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 72), li ġiet issostitwita bid-Direttiva 2012/29, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 56 tas-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, EU:C:2005:386), iddeċidiet li sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din id-deċiżjoni qafas jeħtieġ li qorti nazzjonali jkollha l-possibbiltà, għall-vittmi partikolarment vulnerabbli, tuża' proċedura speċjali, bħall-proċedura inċidentali ta' produzzjoni antiċipata tal-prova prevista fid-dritt ta' Stat Membru, kif ukoll il-modalitajiet partikolari ta' depożizzjoni wkoll previsti, jekk din il-proċedura tissodisfa l-aħjar is-sitwazzjoni ta' dawn il-vittmi u hija meħtieġa sabiex jiġi evitat li jintilfu xi elementi ta' prova, sabiex titnaqqas għall-minimu r-repetizzjoni tal-eżamijiet u sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi dannużi, għall-imsemmija vittmi, tad-depożizzjoni tagħhom f'seduta pubblika.

24 Skont il-qorti tar-rinviju, ir-repetizzjoni tas-smigħ tal-vittma tidher li tmur kontra l-prinċipji stabbiliti f'din is-sentenza, sa fejn il-qari tal-proċessi verbal tax-xhieda inizjalment mogħtija pubblikament, b'osservanza għall-kontradittorju u quddiem qorti imparzjali, bl-ebda mod ma jippreġudika d-dritt għal smigħ xieraq li minnu tibbenefika l-persuna akkużata.

25 Fi kwalunkwe każ, l-ibbilanċjar bejn ir-rispett tad-dinjità tal-vittma u d-dritt għal smigħ xieraq tal-persuna akkużata għandu jkun konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, hekk kif previst fl-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Fl-istess ħin, id-dritt għal smigħ xieraq, stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), u fl-Artikolu 47 tal-Karta, ma għandux jiġi strumentalizzat sabiex jitwettaq abbuż ta' dritt.

26 Fl-aħħar nett, minbarra li timponi tbatija psikoloġika addizzjonali fuq il-vittma, ir-repetizzjoni tas-smigħ tagħha twassal għal estensjoni għolja tal-proċeduri kriminali, bi ksur tar-rekwiżit ta' tul raġonevoli tal-proċeduri.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale di Bari (il-Qorti ta' Bari) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikoli 16, 18 u 20(b) tad-Direttiva [2012/29] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-vittma jkollha terġa' tixhed f'seduta quddiem qorti b'kompożizzjoni ġdida meta waħda mill-partijiet fil-proċeduri tirrifjuta, skont l-Artikoli 511(2) u 525(2) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Kriminali] (kif

jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita f'dan il-qasam), li tagħti l-kunsens tagħha sabiex jinqara l-proċess verbal tal-istqarrijiet li saru qabel mill-istess vittma fl-osservanza tal-kontradittorju quddiem qorti b'kompożizzjoni differenti fl-istess proċeduri?"

**Fuq id-domanda preliminari**

28 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 16, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 20(b) tad-Direttiva 2012/29 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, meta l-vittma ta' reat kriminali tkun instemgħet l-ewwel darba mill-Kulleġġ Ġudikanti ta' qorti kriminali tal-ewwel istanza u l-kompożizzjoni ta' dan il-Kulleġġ sussegwentement tinbidel, din il-vittma għandha, bħala prinċipju, terġa' tinstema' mill-Kulleġġ kompost mill-ġdid, meta waħda mill-partijiet fil-proċeduri tirrifjuta li l-imsemmi Kulleġġ jibbaża ruħu fuq il-proċess verbal tal-ewwel smigħ tal-imsemmija vittma.

29 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2012/29, din għandha bħala għan li tiggarantixxi li l-vittmi tal-kriminalità jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri kriminali.

30 Għandu qabel kollox jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 20(b) ta' din id-direttiva, bla ħsara għad-drittijiet tad-difiża u b'osservanza għas-setgħa diskrezzjonali tal-qorti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, matul l-investigazzjoni kriminali, in-numru ta' smigħ tal-vittma jkun limitat għall-minimu u li s-smigħ isir biss sa fejn ikun strettament neċessarju għall-iżvolġiment tal-"investigazzjonijiet kriminali".

31 F'dan ir-rigward, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 23(2) u (3) tad-Direttiva 2012/29, din tagħmel distinzjoni bejn il-fażi tal-"investigazzjonijiet kriminali" u dik tal-"proċediment tal-qorti".

32 Barra minn hekk, il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (COM(2011) 275 finali), li minnha toriġina d-Direttiva 2012/29, kienet tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-numru ta' smigħ ikun limitat għall-minimu, fejn dan isir biss sa fejn ikun strettament neċessarju għall-iżvolġiment tal-"proċeduri kriminali".

33 Ix-xogħol preparatorju tad-Direttiva 2012/29 għaldaqstant jikkonferma li, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 20(b) ta' din tal-aħħar hekk kif adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea, dan tal-aħħar għażel li jirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għall-fażi tal-investigazzjoni kriminali biss.

34 Issa, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-eventwali repetizzjoni tas-smigħ tal-vittma fil-kawża prinċipali sseħħ fil-kuntest tal-fażi ġudizzjarja tal-proċeduri kriminali, inkwantu M. Gambino ntbagħat lura quddiem Kulleġġ Ġudikanti ġdid.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 20(b) tad-Direttiva 2012/29 ma japplikax għal tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

36 Fi kwalunkwe każ, billi tistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-numru ta' smigħ ikun limitat għall-minimu, din id-dispożizzjoni ma tirrikjedix li l-vittma ta' reat kriminali tinstema' darba waħda biss mill-qorti li tagħti s-sentenza.

37 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikoli 16 u 18 tad-Direttiva 2012/29, għandu jiġi rrilevat li din id-direttiva, skont il-premessa 12 tagħha, tipprevedi li d-drittijiet li hija tistabbilixxi huma bla ħsara għad-drittijiet tal-awtur tar-reat.

38 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, u kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata. Barra minn hekk, l-Artikolu 48(2) tal-Karta jipprovdi li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża għandu jiġi ggarantit lil kull akkużat.

39 Sa fejn il-Karta tinkludi drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB, l-Artikolu 52(3) tal-Karta huwa intiż li jiżgura l-koerenza meħtieġa bejn id-drittijiet inklużi fiha u d-drittijiet korrispondenti ggarantiti mill-KEDB, u dan mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punt 23). Skont l-ispjegazzjonijiet relatati mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17), it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB u l-Artikolu 48 tal-Karta huwa l-istess bħall-Artikolu 6(2) u (3) tal-KEDB. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tħares li l-interpretazzjoni li hija tagħmel tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48 tal-Karta tiżgura livell ta' protezzjoni li ma jmurx kontra dak iggarantit mill-Artikolu 6 tal-KEDB, hekk kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara,b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Belastingdienst/Toeslagen (Effett sospensiv tal-appell), C-175/17, EU:C:2018:776, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Fl-istess sens, fir-rigward tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, li ġiet issostitwita bid-Direttiva 2012/29, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din kellha tiġi interpretata b'tali mod illi jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali, fosthom, b'mod partikolari, għandu jiġi indikat id-dritt għal smigħ xieraq, kif iddikjarat fl-Artikolu 6 tal-KEDB u interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino, C-105/03, EU:C:2005:386, punt 59, u tad-9 ta' Ottubru 2008, Katz, C-404/07, EU:C:2008:553, punt 48).

41 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li l-prinċipji ta' smigħ xieraq jeżiġu li, fil-każijiet xierqa, l-interessi tad-difiża jiġu bbilanċjati ma' dawk tax-xhieda jew tal-vittmi msejħa jagħtu d-depożizzjoni tagħhom (il-Qorti EDB, 26 ta' Marzu 1996, Doorson vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, CE:ECHR:1996:0326JUD002052492, punt 70, u l-Qorti EDB, 5 ta' Ottubru 2006, Marcello Viola vs L-Italja, CE:ECHR:2006:1005JUD004510604, punt 51).

42 F'dan il-kuntest, dawk li għandhom ir-responsabbiltà li jiddeċiedu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-akkużat għandhom, bħala prinċipju, jisimgħu lix-xhieda personalment u jevalwaw il-kredibbiltà tagħhom. L-evalwazzjoni tal-kredibbiltà ta' xhud hija kompitu kumpless, li, normalment, ma jistax jitwettaq permezz ta' sempliċi qari tal-kontenut tad-dikjarazzjonijiet tiegħu, kif riprodotti fil-proċessi verbal tas-smigħ (il-Qorti EDB, 5 ta' Lulju 2011, Dan vs il-Moldova, CE:ECHR:2011:0705JUD000899907, punt 33, u l-Qorti EDB, 29 ta' Ġunju 2017, Lorefice vs L-Italja, CE:ECHR:2017:0629JUD006344613, punt 43).

43 B'hekk, wieħed mill-elementi importanti ta' proċess kriminali ta' natura xierqa huwa l-possibbiltà li l-akkużat jikkonfronta lix-xhieda fil-preżenza tal-Imħallef li fl-aħħar jiddeċiedi. Dan il-prinċipju ta' immedjatezza huwa garanzija importanti tal-proċess kriminali inkwantu l-osservazzjonijiet magħmula mill-Imħallef fir-rigward tal-aġir u tal-kredibbiltà ta' xhud jista' jkollhom konsegwenzi serji għall-akkużat. Għalhekk, bidla fil-kompożizzjoni tal-qorti li tagħti s-sentenza wara s-smigħ ta' xhud importanti għandha, bħala prinċipju, twassal għal smigħ ġdid ta' dan tal-aħħar (il-Qorti EDB, 9 ta' Marzu 2004, Pitkänen vs Il-Finlandja, CE:ECHR:2004:0309JUD003050896, punt 58, u l-Qorti EDB, 18 ta' Marzu 2014, Beraru vs Ir-Rumanija, CE:ECHR:2014:0318JUD004010704, punt 64).

44 Madankollu, il-prinċipju ta' immedjatezza ma jistax jitqies bħala li jipprekludi kwalunkwe bidla fil-kompożizzjoni ta' qorti matul l-iżvolġiment ta' proċess. Problemi amministrattivi jew proċedurali partikolarment evidenti jistgħu jinqalgħu u jirrendu impossibbli l-parteċipazzjoni kontinwa ta' Imħallef fil-proċess. Jistgħu jittieħdu miżuri sabiex l-Imħallfin li jkomplu l-kawża jifhmu sewwa l-elementi u

l-argumenti tagħha, pereżempju billi jingħatawlhom il-proċessi verbal meta l-kredibbiltà tax-xhud inkwistjoni ma hijiex ikkontestata, jew billi jiġu organizzati sottomissjonijiet orali ġodda jew smigħ ġdid ta' xhieda importanti quddiem il-qorti komposta mill-ġdid (il-Qorti EDB, 2 ta' Diċembru 2014, Cutean vs Ir-Rumanija, CE:ECHR:2014:1202JUD005315012, punt 61, u l-Qorti EDB, 6 ta' Diċembru 2016, Škaro vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2016:1206JUD000696213, punt 24).

45 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tingħata risposta għad-domanda dwar l-Artikoli 16 u 18 tad-Direttiva 2012/29.

46 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis li r-repetizzjoni tas-smigħ tal-vittma wara l-bidla fil-kompożizzjoni tal-Kulleġġ Ġudikanti tmur kontra l-Artikolu 16 ta' din id-direttiva, li l-paragrafu (1) tiegħu jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittma jkollha d-dritt li tikseb deċiżjoni f'terminu raġonevoli dwar il-kumpens mill-awtur tar-reat fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, ħlief fil-każ fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi li din id-deċiżjoni għandha tittieħed fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja oħra.

47 Il-qorti tar-rinviju tqis għalhekk li l-kumpens fi żmien xieraq tad-dannu subit mill-vittma, previst f'dan l-Artikolu 16, isir ineffettiv minn leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta għall-kunsens tal-partijiet kollha fil-proċeduri l-possibbiltà li ma jiġix irrepetut is-smigħ tal-vittma quddiem l-Imħallfin tal-Kulleġġ Ġudikanti kompost mill-ġdid. B'mod partikolari, din il-qorti tqis li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tippermetti abbużi minn naħa tad-difiża, peress li r-rifjut tagħha li tagħti l-kunsens tagħha għall-qari tax-xhieda diġà mogħtija mill-vittma għandu l-effett li jtawwal it-tul tal-proċeduri.

48 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li r-repetizzjoni tas-smigħ tal-vittma fil-każ ta' bidla fil-kompożizzjoni tal-Kulleġġ Ġudikanti li quddiemu hija kienet inizjalment instemgħet ma timplikax, fiha nnifisha, li ma jistax jiġi deċiż f'terminu raġonevoli dwar il-kumpens ta' din il-vittma.

49 Barra minn hekk, hekk kif irreleva l-Avukat Ġenerali fil-punt 128 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-dritt previst fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2012/29 favur il-vittma ta' reat ma jistax jaffettwa t-tgawdija effettiva tad-drittijiet proċedurali rrikonoxxuti lill-persuna akkużata, hekk kif indikati fil-punti 42 u 43 ta' din is-sentenza, li fosthom hemm il-prinċipju ta' immedjatezza, meta l-kompożizzjoni tal-Kulleġġ Ġudikanti nbidlet, peress li dan il-fatt ma huwiex imputabbli lil din il-persuna.

50 Il-qorti tar-rinviju tinvoka wkoll l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2012/29, li jipprovdi li, bla ħsara għad-drittijiet tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti miżuri sabiex jipproteġu lill-vittma u lill-membri tal-familja tagħha minn vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, minn intimidazzjoni u minn ritaljazzjoni, inkluż kontra r-riskju ta' dannu emozzjonali jew psikoloġiku, u sabiex jipproteġu d-dinjità tal-vittma waqt is-smigħ u l-għoti tax-xhieda tagħha, fejn dawn il-miżuri għandhom jinkludu wkoll, jekk ikun meħtieġ, proċeduri stabbiliti bis-saħħa tad-dritt nazzjonali li jippermettu l-protezzjoni tal-integrità fiżika tal-vittma u tal-membri tal-familja tagħha.

51 Madankollu, mill-formulazzjoni ta' dan l-artikolu ma jirriżultax li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda, fost il-miżuri intiżi sabiex jipproteġu lill-vittma ta' reat kriminali, il-limitazzjoni għal smigħ wieħed biss tagħha matul il-proċedura ġudizzjarja.

52 Barra minn hekk, l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2012/29 jagħti lill-vittma d-dritt għal protezzjoni, "[b]la preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża". Fl-istess sens, il-premessa 58 ta' din id-direttiva tiddikjara li l-portata tal-miżuri ta' protezzjoni xierqa matul il-proċedura kriminali għall-vittmi identifikati bħala vulnerabbli għall-vitimizzazzjoni sekondarja u repetuta, għall-intimidazzjoni u għar-ritaljazzjoni kellha tiġi ddeterminata "mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u f'konformità mar-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja".

53 Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 73 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-leġiżlatur tal-Unjoni għalhekk stabbilixxa fid-Direttiva 2012/29, għall-benefiċċju tal-vittma, drittijiet li l-eżerċizzju tagħhom ma jistax jippreġudika d-dritt għal smigħ xieraq u d-drittijiet tad-difiża ta' persuna akkużata, rispettivament stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 u fl-Artikolu 48(2) tal-Karta.

54 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2012/29 ma jipprekludix, bħala prinċipju, li, fil-każ ta' bidla fil-kompożizzjoni tal-Kulleġġ Ġudikanti, il-vittma ta' reat kriminali terġa' tinstema' minn dan il-Kulleġġ fuq talba ta' waħda mill-partijiet fil-proċeduri.

55 Madankollu, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 116 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-użu bħala prova tal-proċess verbal tal-għoti tax-xhieda ta' vittma huwiex possibbli, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk is-smigħ tagħha jistax ikun ta' natura determinanti għall-finijiet tal-kundanna tal-persuna akkużata u jiżguraw, permezz ta' garanziji proċedurali suffiċjenti, li l-amministrazzjoni tal-provi fil-kuntest tal-proċeduri kriminali ma tippreġudikax in-natura xierqa ta' dawn il-proċeduri, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, u lanqas id-drittijiet tad-difiża, fis-sens tal-Artikolu 48(2) tagħha.

56 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk, fil-kawża prinċipali, kundizzjonijiet partikolari bħal dawk imsemmija fil-punt preċedenti jistgħux iwasslu sabiex il-vittma tar-reat kriminali inkwistjoni ma terġax tinstema'.

57 Għandu jingħad ukoll li, fil-każ fejn jiġi deċiż favur smigħ tal-vittma mill-Kulleġġ Ġudikanti fil-kompożizzjoni l-ġdida tiegħu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom iwettqu, skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29, evalwazzjoni individwali ta' din il-vittma sabiex jidentifikaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħha fil-qasam tal-protezzjoni u, jekk ikun il-każ, sabiex hija tkun tista' tibbenefika mill-miżuri ta' protezzjoni previsti fl-Artikoli 23 u 24 ta' din id-direttiva.

58 Għaldaqstant, hija wkoll il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika li l-vittma inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex ħtiġijiet speċifiċi fil-qasam tal-protezzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali.

59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 16 u 18 tad-Direttiva 2012/29 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, meta l-vittma ta' reat kriminali tkun instemgħet l-ewwel darba mill-Kulleġġ Ġudikanti ta' qorti kriminali tal-ewwel istanza u l-kompożizzjoni ta' dan il-Kulleġġ sussegwentement tinbidel, din il-vittma għandha, bħala prinċipju, terġa' tinstema' mill-Kulleġġ kompost mill-ġdid, meta waħda mill-partijiet fil-proċeduri tirrifjuta li l-imsemmi Kulleġġ jibbaża ruħu fuq il-proċess verbal tal-ewwel smigħ tal-imsemmija vittma.

**Fuq l-ispejjeż**

60 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 16 u 18 tad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, meta l-vittma ta' reat kriminali tkun instemgħet l-ewwel darba**

**mill-Kulleġġ Ġudikanti ta' qorti kriminali tal-ewwel istanza u l-kompożizzjoni ta' dan il-Kulleġġ sussegwentement tinbidel, din il-vittma għandha, bħala prinċipju, terġa' tinstema' mill-Kulleġġ kompost mill-ġdid, meta waħda mill-partijiet fil-proċeduri tirrifjuta li l-imsemmi Kulleġġ jibbaża ruħu fuq il-proċess verbal tal-ewwel smigħ tal-imsemmija vittma.**

Firem